5.3.2014 A7-0139/5

**Emenda 5**
**Axel Voss, Véronique Mathieu Houillon, Hubert Pirker, Elmar Brok**
on behalf of the PPE Group

**Rapport** **A7-0139/2014**
**Claude Moraes**
Il-programm ta' sorveljanza tal-NSA tal-Istati Uniti, il-korpi ta' sorveljanza f'diversi Stati Membri u l-impatt fuq id-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini tal-UE
2013/2188(INI)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**paragrafu 46 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***46a. wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-Kumitat AFET dwar Aspetti tal-Politika Barranija tal-Inkjesta dwar is-Sorveljanza tal-Massa Elettronika taċ-Ċittadini tal-UE;*** |

Or. en

**Emenda 6**
**Axel Voss, Elmar Brok, Véronique Mathieu Houillon, Hubert Pirker**
on behalf of the PPE Group

**Rapport** **A7-0139/2014**
**Claude Moraes**
Il-programm ta' sorveljanza tal-NSA tal-Istati Uniti, il-korpi ta' sorveljanza f'diversi Stati Membri u l-impatt fuq id-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini tal-UE
2013/2188(INI)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 81**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 81. Iħeġġeġ ***lill-Kummissjoni u*** lir-RGħ/VP ***jippreżentaw, sa Diċembru 2014, proposta għal bażi ġuridika għall-attivitajiet*** taċ-Ċentru tal-UE għall-Analiżi tal-Intelliġence***(***IntCen***), flimkien ma mekkaniżmu ta' sorveljanza adegwat; iħeġġeġ lir-RGħ/VP*** biex b'mod regolari tagħti kont tal-attivitajiet ***tal-IntCen*** lill-korpi responsabbli tal-Parlament, inkluża l-osservanza sħiħa tiegħu mad-drittijiet fundamentali u r-regoli applikabbli tal-UE dwar il-privatezza tad-data, u ***biex speċifikament tiċċara l-mekkaniżmu ta' sorveljanza eżistenti tiegħu mal-Parlament***; | 81. Iħeġġeġ lir-RGħ/VP biex b'mod regolari tagħti kont tal-attivitajiet taċ-Ċentru tal-UE għall-Analiżi tal-Intelliġence ***(***IntCen***), li jifforma parti mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna,*** lill-korpi responsabbli tal-Parlament, inkluża l-osservanza sħiħa tiegħu mad-drittijiet fundamentali u r-regoli applikabbli tal-UE dwar il-privatezza tad-data, ***li jippermetti sorveljanza aħjar mill-Parlament tad-dimensjoni esterna tal-politiki tal-UE; iħeġġeġ lill-Kummissjoni*** u ***lir-RGħ/VP iressqu proposta għal bażi legali dwar l-attivitajiet tal-IntCen, f'każ li jkun previst li kwalunkwe ħidma jew kompetenzi futuri fil-qasam tal-intelliġenza jew faċilitajiet għall-ġbir tad-data proprji jista' jkollhom impatt fuq l-istrateġija dwar is-sigurtà interna tal-UE***; |

Or. en

**Emenda 7**
**Axel Voss, Véronique Mathieu Houillon, Elmar Brok, Hubert Pirker**
on behalf of the PPE Group

**Rapport** **A7-0139/2014**
**Claude Moraes**
Il-programm ta' sorveljanza tal-NSA tal-Istati Uniti, il-korpi ta' sorveljanza f'diversi Stati Membri u l-impatt fuq id-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini tal-UE
2013/2188(INI)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**paragrafu 107 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***107a. Jitlob lill-Kummissjoni tressaq proposta legali għal sistema ta' rotot tal-UE, inkluż l-ipproċessar ta' reġistri ta' dettalji tat-telefonata (CDRs) fil-livell tal-UE li għandha sservi ta' sottostruttura tal-internet attwali u li ma għandhiex tmur lil hinn mill-fruntieri tal-UE; jinnota li d-data kollha dwar ir-rotot u s-CDRs għandha tiġi pproċessata skont oqfsa legali tal-UE;*** |

Or. en

**Emenda 8**
**Axel Voss, Hubert Pirker, Véronique Mathieu Houillon**
on behalf of the PPE Group

**Rapport A7-0139/2014**
**Claude Moraes**
Il-programm ta' sorveljanza tal-NSA tal-Istati Uniti, il-korpi ta' sorveljanza f'diversi Stati Membri u l-impatt fuq id-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini tal-UE
2013/2188(INI)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 124**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 124. ***Jistieden*** lill-Istati Membri ***jagħmlu kull sforz biex jiżguraw*** kooperazzjoni aħjar ***bil-ħsieb li*** jipprovdu salvagwardji kontra l-ispjunaġġ***,*** b'***kooperazzjoni mal-korpi u l-aġenziji*** tal-UE rilevanti, għall-protezzjoni taċ-ċittadini u l-istituzzjonijiet tal-UE, il-kumpaniji Ewropej, l-industrija tal-UE, u infrastruttura u netwerks tal-IT, kif ukoll riċerka Ewropea; iqis l-involviment attiv tal-partijiet interessati tal-UE bħala prekundizzjoni biex iseħħ skambju effettiv tal-ambjent; jirrimarka li t-theddid għas-sigurtà saru aktar internazzjonali, mifruxa u kumplessi, u b'hekk jirrikjedu kooperazzjoni Ewropea msaħħa; jemmen li dan l-iżvilupp għandu jiġi rifless aħjar fit-Trattati, u għalhekk jitlob li ssir reviżjoni tat-Trattati bil-għan li jiġi msaħħaħ il-kunċett tal-kooperazzjoni leali bejn l-Istati Membri u l-Unjoni fir-rigward tal-objettiv li jiġi realizzat spazju ta' sigurtà u li jiġi pprevenut l-ispjunaġġ reċiproku bejn l-Istati Membri fi ħdan l-Unjoni; | 124. ***Iħeġġeġ*** lill-Istati Membri ***jnedu proċess għal ħolqien ta' struttura permanenti għal*** kooperazzjoni aħjar ***fil-livell Ewropew fil-qasam tal-kontro-intelliġenza sabiex jirreaġixxu għat-theddid u jiġġieldu kontra attakki minn pajjiżi terzi, u biex*** jipprovdu salvagwardji kontra l-ispjunaġġ ***reċiproku*** b'***kuntradizzjoni tat-trattati u tal-prinċipji*** tal-UE***; din il-kooperazzjoni għandha tingħata appoġġ mill-korpi u mill-aġenziji*** rilevanti ***tal-UE***, ***u għandha tkun immirata*** għall-protezzjoni taċ-ċittadini u l-istituzzjonijiet tal-UE, il-kumpaniji Ewropej, l-industrija tal-UE, u infrastruttura u netwerks tal-IT, kif ukoll riċerka Ewropea***, u għandha titqies bħala l-ewwel pass lejn politika Ewropea ta' kontro-spjunaġġ***; ***jitlob lill-Istati Membri jikkunsidraw dawn ir-riskji ta' livell għoli bħala kwistjonijiet ta' interess komuni;*** iqis l-involviment attiv tal-partijiet interessati tal-UE bħala prekundizzjoni biex iseħħ skambju effettiv tal-ambjent; ***jinsisti dwar il-bżonn li tkun stabbilita bażi legali xierqa flimkien ma' mekkaniżmu ta' sorveljanza mtejba xieraq li jiżgura l-leġittimità demokratika, biex ikun hemm xi tip ta' forma ta' kooperazzjoni fil-qasam tal-ispjunaġġ u l-*** |


Magħquda fid-diversità

***Parlament Ewropew għandu jiġi nkluż fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet;***
jirrimarka li t-theddid għas-sigurtà saru aktar internazzjonali, mifruxa u kumplessi, u b'hekk jirrikjedu kooperazzjoni Ewropea msaħħa; jemmen li dan l-iżvilupp għandu jiġi rifless aħjar fit-Trattati, u għalhekk jitlob li ssir reviżjoni tat-Trattati bil-għan li jiġi msaħħaħ il-kunċett tal-kooperazzjoni leali bejn l-Istati Membri u l-Unjoni fir-rigward tal-objettiv li jiġi realizzat spazju ta' sigurtà u li jiġi pprevenut l-ispjunaġġ reċiproku bejn l-Istati Membri fi ħdan l-Unjoni;

Or. en

**Emenda 9**
**Axel Voss, Elmar Brok, Véronique Mathieu Houillon, Hubert Pirker**
on behalf of the PPE Group

**Rapport** **A7-0139/2014**
**Claude Moraes**
Il-programm ta' sorveljanza tal-NSA tal-Istati Uniti, il-korpi ta' sorveljanza f'diversi Stati Membri u l-impatt fuq id-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini tal-UE
2013/2188(INI)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 52**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 52. Huwa tal-fehma li l-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni Ewropea u mit-Teżor tal-Istati Uniti ma tiċċarax jekk l-aġenziji tal-intelligence tal-Istati Uniti għandhom aċċess għall-messaġġi finanzjarji tas-SWIFT fl-UE bl-interċettazzjoni ta' netwerks tas-SWIFT jew banek li joperaw sistemi jew netwerks tal-komunikazzjoni, individwalment jew f'kooperazzjoni mal-aġenziji tal-intelligence nazzjonali tal-UE u mingħajr il-ħtieġa ta' rikors għal kanali bilaterali eżistenti għall-assistenza legali reċiproka u l-kooperazzjoni ġudizzjarja; | 52. ***Ħa nota tal-informazzjoni*** pprovduta mill-Kummissjoni Ewropea u mit-Teżor tal-Istati Uniti ***li ħarġet mill-konsultazzjonijiet bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar il-Ftehim TFTP, inkluż il-garanziji bil-miktub mogħtija mill-Gvern*** tal-Istati Uniti ***li l-Istati Uniti kkonformaw bis-sħiħ mal-ftehim u li ma seħħ l-ebda ġbir dirett tad-data li jmur kontra l-Ftehim TFTP***; |

Or. en

5.3.2014 A7-0139/10

**Emenda 10**
**Axel Voss, Elmar Brok, Véronique Mathieu Houillon, Hubert Pirker**
on behalf of the PPE Group

**Rapport** **A7-0139/2014**
**Claude Moraes**
Il-programm ta' sorveljanza tal-NSA tal-Istati Uniti, il-korpi ta' sorveljanza f'diversi Stati Membri u l-impatt fuq id-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini tal-UE
2013/2188(INI)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 53**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 53. Itenni r-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Ottubru 2013 u jitlob lill-Kummissjoni għas-sospensjoni tal-Ftehim TFTP; | 53. Itenni r-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Ottubru 2013 u ***għadu mħasseb dwar l-allegazzjonijiet fil-midja dwar l-aċċess dirett għal messaġġi ta' pagament finanzjarju mill-NSA, li jikkostitwixxu ksur tal-Ftehim TFTP;*** jitlob lill-Kummissjoni għas-sospensjoni tal-Ftehim TFTP ***jekk titressaq evidenza li tindika li l-aġenziji tal-intelliġenza tal-Istati Uniti kisbu aċċess għall-messaġġi finanzjarji SWIFT li tmur kontra dan il-ftehim***; |

Or. en


Magħquda fid-diversità

5.3.2014 A7-0139/11

**Emenda 11**
**Axel Voss, Véronique Mathieu Houillon, Elmar Brok, Hubert Pirker**
on behalf of the PPE Group

**Rapport** **A7-0139/2014**
**Claude Moraes**
Il-programm ta' sorveljanza tal-NSA tal-Istati Uniti, il-korpi ta' sorveljanza f'diversi Stati Membri u l-impatt fuq id-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini tal-UE
2013/2188(INI)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 93**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 93. Jistieden lill-Istati Membri kollha, lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Kunsill Ewropew jagħtu l-appoġġjaw l-aktar sħiħ tagħhom, inkluż permezz ta' finanzjament fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp, lill-iżvilupp ta’ kapaċità Ewropea innovattiva u teknoloġika fil-għodod, kumpaniji u fornituri tal-IT (ħardwer, softwer, servizzi u netwerk), inkluż għal skopijiet ta’ ċibersigurtà u tal-kapaċitajiet tal-ikkriptar u ta’ dawk kriptografiċi; | 93. Jistieden lill-Istati Membri kollha, lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Kunsill Ewropew jagħtu l-appoġġjaw l-aktar sħiħ tagħhom, inkluż permezz ta' finanzjament fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp, lill-iżvilupp ta’ kapaċità Ewropea innovattiva u teknoloġika fil-għodod, kumpaniji u fornituri tal-IT (ħardwer, softwer, servizzi u netwerk), inkluż għal skopijiet ta’ ċibersigurtà u tal-kapaċitajiet tal-ikkriptar u ta’ dawk kriptografiċi; ***jilob lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri responsabbli kollha biex jinvestu fit-teknoloġiji lokali u indipendenti, u biex jiżviluppaw u jżidu bil-qawwi l-kapaċitajiet ta' detezzjoni;*** |

Or. en